MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tat-18 ta' Frar, 2005

Talba Numru. 2115/2003

**International Merchants Co Ltd**

**vs**

**Nazzareno Farrugia u b'digriet tal-20 ta' Jannar, 2004, giet ordnata l-korrezzjoni fis-sens illi jitnizzlu l-kliem "Saviour sive Sunny" minflok "Nazzareno"**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-21 ta' Ottubru, 2003 fejn intalab il-hlas ta' mitejn u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm230.92) rapprezentanti bilanc ta' merkanzija mibjugha u konsenjata lill-istess konvenut.**

**Illi l-konvenut gie nterpellat sabiex ihallas l-imsemmija somma izda baqa' inadempjenti.**

**Ghaldaqstant il-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm230.92) rapprezentanti  bilanc ta' prezz ta' merkanzija mibjugha u konsejata lil-konvenut.**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenut u bl-imghax legali b'effett mid-data tal-konsenja u cioe` mill-1 ta' Novembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-attur fl-4 ta' Frar, 2005, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' t-talba attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici s-somma ta' mitejn u tletin lira Maltija u tnejn u disghin centezmu (Lm230.92) bl-imghaxijiet legali mill-1 ta' Novembru, 2002 sad-data tal-pagament effettiv, u bl-ispejjez kontra l-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------